# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 9**

**Citaz. Nru. 851/97GV**

**Doc. Nru. 70-01**

**Carmel Attard u Joe Aquilina fil-kwalita' tieghu ta' ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fil-15 ta' Settembru, 1996 Carmel Attard kien u ghadu l-editur tal-gurnal Il-Gens, liema gurnal huwa propjeta' tal-Arcidjocesi ta' Malta;

Premess illi l-konvenut kiteb artikolu f'pagna 2 tal-harga tal-gurnal "Kull Hadd" tal-15 ta' Settembru, 1996 intestat "KIF JAHDMU L-MANIPULATURI" u bhala parti mis-sensiela ta' artikoli msejha "In-Nies tad-Droga u n-Nies tal-Gvern - Dok. A;

Premess illi bl-imsemmi artikolu gew attribwiti fatti determinati fil-konfront tal-atturi bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghhom u li jesponuhom ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-atturi hassew ruhhom ingurjati u offizi u ghalhekk ghandhom d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

L-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront tal-atturi minhabba li l-artikolu fuq imsemmi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-atturi u li jesponi lill-istess atturi ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li din il-Qorti tillikwida f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u dana bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li l-atturi sofrew bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija u dan a tenur tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-artikolu in kwistjoni ma huwiex libelluz fil-konfront ta' l-atturi;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit il-kummenti ta' l-eccepjenti jikkonsistu f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament tieghu u huwa *fair comment.* L-eccepjent ghandu dritt jesprimi l-fehmiet u l-kritika tieghu dwar kwistjonijiet ta' nteress pubbliku rikonoxxjut kemm taht il-ligi ta' l-istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;

3. Illi konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat in-nota a fol. 28 tal-process;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti: tiddikjara lill-konvenut responsabbili ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-atturi minhabba li l-artikolu huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-atturi u li jesponi lill-istess atturi ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix Lm5,000 bhala danni u riparazzjoni ta' ingurja morali u malafama li l-atturi sofrew bil-pubblikazzjoni msemmija u dana a tenur ta' l-art 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: li l-artikolu in kwistjoni mhux libelluz; li subordinatament il-kummenti jikkonsistu f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament tieghu u huwa *fair comment*. L-eccipjent ghandu dritt jesprimi l-fehemiet u l-kritika tieghu dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku rikonoxxut kemm taht il-ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**RINUNZJA**

Illi b'nota a fol. 28 l-attur Joe Aquilina bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof irrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront tal-konvenut.

**PROVI**

**L-attur Carmel Attard** fl-affidavit tieghu b'riferenza ghall-artikolu nkwistjoni qal li d-*diagrams* li jissemmew fl-artikolu kienu tieghu biss u fassalhom personalment wara li kien qara r-rapport ta' l-Imhallef Anastasi. Id-*diagrams* kienu intizi biex b'mod grafiku jaghti stampa ta' kif kienu qed isiru certi *transactions* bankarji mill-Mid Med Bank mid-ditti ndikati fl-istess *diagrams*. Ir-Rapport ma kienx fih *diagrams* u kien holoqhom hu. Id-*diagrams* saru fid-Dipartment tal-Pubblikazzjonijiet tal-Media Centre fuq skizz li kien ghamel hu stess. Ghalhekk dak li nkiteb fl-artikolu tal-gazzetta KULLHADD, jigifieri li dawn id-*diagrams* kienu saru fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni huwa kompletament falz. Hu qed joggezzjona ghall artikolu billi dana qed jaghmel hsara lir-reputazzjoni tieghu u l-integrita' tieghu personali, tal-gazzetta Gens u tal-bqija tal-haddiema tal-gazzetta billi qed jaghti x'jifhem li l-gazzetta Gens u l-impjegati l-ohra kollha, b'xi mod fil-qadi tax-xoghol taghhom bhala gurnalisti huma manipolati minn xi hadd qrib il-Gvern Nazzjonalista. L-artikolu jpingi lill Gens bhala xi gazzetta manipulata minn nies qrib jew fil-Gvern Nazzjonalista u minn nies tad-droga. Dan hu aktar gravi billi l-artikolu kien parti minn sensiela ta' artikolu miktub bil hsieb li jattakka l-kredibilita' u l-integrita' tal-gazzetta il-Gens.

**George Fava** xehed li d-*diagrams* hargu fil-harga tal-Gens tal-25 ta' Novembru, 1993. Hu manager tal-Publications Department. Dawn id-*diagrams* kien ghamilhom id-dipartiment tieghu taht struzzjonijiet tieghu b'materjal li kien tah l-editur tal-gazzetta. L-editur kien tah karta kbira kollha thaziz, kaligrafija tieghu li ma tantx tinqara' sewwa u billi kienet komplikata hafna kien issimplifikaha biex il-qarrejja jkunu jistghu jaraw ix-xoghol ahjar. Il-grafika kienet tieghu. Il-holqien taghha kien beda mill-editur.

**Ronald Pisani** xehed b'riferenza ghad-dokumenti a fol 30-32 li dawk is-*settings* bniehom hu flimkien ma' C. Attard. Dan beda jindikalu fejn kellhom jigu l-affarijiet u hu beda jissettjhom. Hu ghamel il-parti teknika ta' din is-*setting* u ma kien ikkopjahom minn imkien.

**Il-konvenut** xehed li kien kiteb serje ta' artikoli fuq il-Kulhadd fejn ghamel analizi ta' dak li qed jigri fil-pajjiz. Hu kien qed jirrealizza li certi gazzetti fosthom il-GENS b'mod regolari kienu qed jaghtu appogg lill Partit Nazzjonalista fl-*issues* li jittrattaw. Kellu nformazzjoni li s-soltu jorbot fuqha li d-*diagrams* li ppublikaw il-GENS kien hemm min kellu x'jaqsam maghhom mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. F'dan is-sens hu rrefera ghall-manipulazzjoni u qal li b'mod regolari l-GENS kienet timbotta lill partit Nazzjonalista. Sa fejn jaf hu ma rreferiex ghall manipulazzjoni tan nies tad-droga fir-rigward tal-Gens. L-attur qed ighid li l-idejat kienu tieghu fuq id-*diagrams* u taht gurament ma rahx ghaliex m'ghandux jaccetta dak li qal. Izda dwar l-analizi li ghamel ikkonferma dak li qal cioe' li hemm *bias* u taha bhala ezempju l-ahhar *issue* tal-GENS qabel l-elezzjoni li kienet kompletament favur is-shubija ta' Malta favur l-Unjoni Ewropeja. Anki l-mod kif jigu trattati certi skandli li jitqajmu fil-pajjiz, il-Gens rari tidhol fihom specjalment jekk ikunu kontra l-parti Nazzjonalista u jekk ikunu kontra l-parti Laburista jiehdu l-inkarigu li jidhlu fil-fond u anke jillustrawh b'd*iagrams* kif gara fil-kaz in ezami.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-parti tal-artikolu nkriminat jinghad:

"Meta gie pubblikat ir-rapport ta' l-Imhallef Anastasi dwar il-Mid Med Bank, il-GENS spicca jippublika telenovela migbuda mir-rapport Anastasi. Kellhom *diagrams* komplikati biex juru x'kienet ix-xibka ta' relazzjonijiet bejn dan u dak fil-Mid-Med. Kulhadd gharaf li dawn id-*diagrams* kienu saru fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, fejn jirrenja Cachia Caruana."

L-attur Carmel Attard oggezzjona ghal din il-parti u qal li dak li nkiteb fl-artikolu tal-gazzetta KULLHADD, jigifieri li dawn id-*diagrams* kienu saru fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni huwa kompletament falz. Hu joggezzjona

ghall artikolu billi dan jaghmel hsara lir-reputazzjoni u l-integrita' personali tieghu, tal-gazzetta Gens u tal-qbija tal-haddiema tal-gazzetta billi qed jaghti x'jifhem li l-gazzetta Gens u l-impjegati l-ohra kollha, b'xi mod fil-qadi tax-xoghol taghhom bhala gurnalisti huma manipolati minn xi hadd qrib il-Gvern Nazzjonalista.

L-oggezzjoni ta' l-attur tidher li hija duplici. L-ewwel ghax qed ighid li mhux veru li d-*diagrams* gabhom mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u t-tieni ghax mhux veru li huma qed jigu manipolati minn xi hadd qrib il-Gvern Nazzjonalista.

Il-konvenut dwar l-ewwel oggezzjoni accetta li jekk l-attur qed ighid li l-idejat kienu tieghu fuq id-*diagrams* ma rahx ghaliex m'ghandux jaccetta dak li qal l-attur taht gurament.

Izda dwar it-tieni oggezjoni l-konvenut ikkonferma l-analizi li hu ghamel cioe' li kien hemm *bias* fil-gazzetta GENS favur il-partit nazzjonalista u dana billi l-mod kif kienu jigu trattati certi skandli li jitqajmu fil-pajjiz, billi l-Gens rari kienet tidhol fihom specjalment jekk ikunu kontra l-parti Nazzjonalista izda jekk ikunu kontra l-parti Laburista jiehdu l-inkarigu li jidhlu fil-fond u anke jillustrawh b'diagrams kif gara fil-kaz in ezami.

**Tikkunsidra**

Fil-kawza Debrincat vs Caruana Vol XL1 p4 p 1406 gie deciz li f'materja ta' ingurja bl-istampa l-artikolu nkriminat ghandu jitqies fl-interezza tieghu, sabiex konfrontata parti ma' l-ohra, jigi skrutat il-veru koncett dominanti ta' l-artikolu kollu.

Is-suggett ewlieni tal-artikolu in kwistjoni jittratta dwar **kif jahdmu l-manipulaturi** u fih jissemma kif nies qrib il-partit nazzjonalista qed jahdmu biex jimmanipulaw nies ohra fl-interessi taghhom u kif il-Gens kienet qed tigi uzata minn dawn il-manipulaturi biex jaghtu palata lill Gvern Nazzjonalista.

Fl-ahhar ta' l-artikolu jissemma bhala ezempju l-kaz ta' Philip Rizzo u r-rapport fuq il-Mid Med Bank mill-Imhallef Anastasi.

Skond il-ligi u gurisprudenza "*The plea of fair comment cannot succeed unless the defendant proves that the expression of opinion was based upon true facts".*

Hu l-essenza tal-process demokratiku u tal-liberta' ta' espressjoni permezz ta' l-istampa, id-dritt ta' analazi tal-fatti li jirrizultaw sostanzjalment veri u l-interpretazzjoni taghhom. (Mons. A. Gauci vs M. Schiavone App 8/11/95).

**Tikkunsidra**

Dwar il-kwistjoni tad-*diagrams* il-konvenut ammetta li setgha kien zbaljat ghax is-sors tieghu setgha ma kienx infurmat sew, izda fuq il-kwistjoni tal-*bias*, hu baqa' jinsisti li dan kien vera. Hu nsista li l-analizi li ghamel kienet tikkonsisti f'kummenti u f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament tieghu u huwa *fair comment*. Hu qed ighid li ghandu dritt jesprimi l-fehemiet u l-kritika tieghu dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku rikonoxxut kemm taht il-ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-konvenut qed ighid li l-GENS kienet qed tigi manipulata minn nies qrib il-partit nazzjonalista billi ghaddewla d-*diagrams* biex jintuzaw biex jaghtu vantagg lill partit nazzjonalista. Speci dawn kienu qed jiddettaw l-agenda ta' GENS. Kien f'dan is-sens li l-konvenut rrefera li saret il-manipulazzjoni fuq il-gazzetta.

Il-koncett dominanti ta' l-artikolu hi l-manipulazzjoni li allegatament kienet qed issir minn nies qrib il-partit nazzjonalista u l-kwistjoni tal-*bias* li allega li kellha l-GENS favur il-partit nazzjonalista kienet konsegwenza ta' dan. Hu veru li gazzetta jista' jkollha *bias* izda din mhux necessarjament minhabba manipulazzjoni. Fl-artikolu in ezami l-konvenut qed isostni li l-GENS mhux biss kienet *biased* favur il-parti nazzjonalista imma kienet qed tigi manipulata minn nies qrib il-partit nazzjonalista.

Hemm differenza fli tghid li persuna jew gazzetta hi *biased* favur xi hadd (ghax thoss li ghandha taghmel hekk), u li tghid li din qed tigi manipulata minn xi haddiehor. Fl-ewwel kaz hija kwistoni ta' opinjoni u wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx maghha, izda meta tghid li persuna jew gazzetta qed tigi manipulata dan huwa *statement of fact* u mhux *value judgement* u ghalhekk dan il-fatt irid ikun veru u jrid jigu pruvat bhala tali biex wiehed ikun jista' jigbed il-konkluzzjonijiet tieghu fuqu. Fil-kaz in ezami l-konvenut kiteb li l-manipulazzjoni kienet qed issir minn nies qrib il-partit nazzjonalista billi jghaddu nformazzjoni (*diagrams*) lil gazzetta Il-Gens izda mill-provi, ma jirrizultax li dan kien hekk u dan il-konvenut accettah.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-kaz il-malafama tirrizulta.

Dwar danni l-Qorti hi tal-fehma li jrid ikun hemm temperament billi fl-artikolu ghalkemm ma saritx il-prova tal-manipulazzjoni fil-konfront tal-GENS, pero' fl-artikolu jissema wkoll il-*bias* tal-GENS li l-konvenut setgha jikkummenta dwaru u jesprimi opinjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici;

tiddikjara lill-konvenut responsabbili ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur Carmel Attard minhabba li l-artikolu huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma ta' Lm300 u dan a tenur ta' l-art 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**